Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

26 ta’ Novembru 2014*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika soċjali — Ftehim qafas bejn CES, UNICE u CEEP fuq ix-xogħol għal żmien determinat — Kuntratti suċċessivi ta’ xogħol għal żmien determinat — Tagħlim — Settur pubbliku — Supplenti għal pożizzjonijiet vakanti u disponibbli fl-istennija tat-tmiem tal-proċeduri ta’ kompetizzjoni — Klawżola 5(1) — Miżuri intiżi sabiex jipprevjenu l-użu abbużiv ta’ kuntratti għal żmien determinat — Kunċett ta’ ‘raġunijiet oġġettivi’ li jiġġustifikaw tali kuntratti — Sanzjonijiet — Projbizzjoni ta’ bidla f’relazzjoni ta’ xogħol għal żmien determinat — Assenza ta’ dritt għall-kumpens għad-danni”

Fil-Kawżi magħquda C-22/13, C-61/13 sa C-63/13 u C-418/13,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa, minn naħa, mit-Tribunale di Napoli (l-Italja), permezz ta’ deċiżjonijiet tat-2, tal-15 u tad-29 ta’ Jannar 2013, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta’ Jannar (C-22/13) u fis-7 ta’ Frar 2013 (C-61/13 sa C-63/13), u, min-naħa l-oħra, mill-Corte costituzionale (l-Italja), permezz ta’ deċiżjoni tat-3 ta’ Lulju 2013, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-23 ta’ Lulju 2013 (C-418/13), fil-proċeduri

**Raffaella Mascolo** (C-22/13),

**Alba Forni** (C-61/13),

**Immacolata Racca** (C-62/13)

vs

**Ministero dell’Istruzione, dell’Università e della Ricerca,**

fil-preżenza ta’:

**Federazione Gilda-Unams,**

**Federazione Lavoratori della Conoscenza (FLC CGIL),**

**Confederazione Generale Italiana del Lavoro (CGIL),**

u

**Fortuna Russo**

vs

**Comune di Napoli** (C-63/13),

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

u

**Carla Napolitano,**

**Salvatore Perrella,**

**Gaetano Romano,**

**Donatella Cittadino,**

**Gemma Zangari**

vs

**Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca** (C-418/13),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn M. Ilešič, President tal-Awla, A. Ó Caoimh (Relatur), C. Toader, E. Jarašiūnas u C. G. Fernlund, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: L. Carrasco Marco, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-27 ta' Marzu 2014,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal R. Mascolo, minn M. Ambron, P. Ambron, L. Martino, V. De Michele, S. Galleano u N. Zampieri, avukati (C-22/13),

— għal A. Forni, minn M. Ambron, P. Ambron, L. Martino, M. Miscione, F. Visco u R. Garofalo, avukati (C-61/13),

— għal I. Racca, minn M. Ambron, P. Ambron, L. Martino, R. Cosio, R. Ruocco u F. Chietera, avukati (C-62/13),

— għal F. Russo, minn P. Esposito, avukat (C-63/13),

— għal C. Napolitano kif ukoll għal S. Perrella u G. Romano, minn D. Balbi u A. Coppola, avukati (C-418/13),

— għal D. Cittadino u G. Zangari, minn T. de Grandis u E. Squillaci, avukati (C-418/13),

— għall-Federazione Gilda-Unams, minn T. de Grandis, avukat (C-62/13),

— għall-Federazione Lavoratori della Conoscenza (FLC CGIL), minn V. Angiolini, F. Americo u I. Barsanti Mauceri, avukati (C-62/13),

— għall-Confederazione Generale Italiana del Lavoro (CGIL), minn A. Andreoni, avukat (C-62/13),

— għall-Comune di Napoli, minn F. M. Ferrari u R. Squeglia, avukati (C-63/13),

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn C. Gerardis u S. Varone, avvocati dello Stato,

— għall-Gvern Grieg, minn D. Tsagaraki u M. Tassopoulou, bħala aġenti (C-418/13),

— għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent (C-22/13 u C-61/13 sa C-63/13),

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn C. Cattabriga kif ukoll minn D. Martin u J. Enegren, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2014,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Klawżoli 4 u 5(1) tal-ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999 (iktar 'il quddiem il-"ftehim qafas"), li jinsab fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [żmien determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368), tal-Artikolu 2(1) u (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/533/KEE, tal-14 ta' Ottubru 1991, dwar l-obbligazzjoni ta' min iħaddem li jgħarraf lill-ħaddiema bil-kondizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni tal-impjieg (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 3), tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali previst fl-Artikolu 4(3) TUE kif ukoll tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni dwar iċ-ċertezza legali, il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, l-opportunitajiet ugwali għall-partijiet, il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva, id-dritt għal qorti indipendenti u għal smigħ xieraq, iggarantiti fl-Artikolu 6(2) TUE, moqri flimkien mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), u mal-Artikoli 46, 47 u 52(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' kawżi bejn, minn naħa, R. Mascolo u tmien ħaddiema oħra, kollha membri tal-persunal tal-iskejjel pubbliċi, u, min-naħa l-oħra, il-persuna li timpjegahom, jiġifieri, għal tmienja minnhom, il-Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca (Ministeru tal-Edukazzjoni, tal-Universitajiet u tar-Riċerka, iktar 'il quddiem il-"Ministero"), u, għall-aħħar waħda, il-Comune di Napoli (Komun ta' Napoli), dwar il-klassifikazzjoni ta' kuntratti ta' xogħol li jorbtuhom ma' dawn tal-aħħar.

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

Id-Direttiva 1999/70

3 Id-Direttiva 1999/70 hija bbażata fuq l-Artikolu 139(2) KE u l-għan tagħha, skont l-Artiklu 1 tagħha, "hu li jġib fis-seħħ il-ftehim qafas [...] konkluż [...] bejn l-organizzazzjonijiet ġenerali ta' l-industrija [Konfederazzjoni Ewropea tat-trade unions (ETUC), Unjoni tal-konfederazzjonijiet industrijali u tal-persuni li jimpjegaw fl-Ewropa (UNICE), u Ċentru Ewropew tal-impriżi pubbliċi (CEEP)] annessi hawn".

4 Il-Klawżola 1 tal-ftehim qafas tipprevedi li:

"L-iskop ta' dan il-ftehim qafas hu:

(a) li titjieb il-kwalità ta' xogħol għal terminu fiss [żmien determinat] billi tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni;

(b) li jistabbilixxi qafas biex jipprevjeni l-abbuż ikkawżat mill-użu ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' l-impjieg għal terminu fiss."

5 Il-Klawżola 2 tal-ftehim qafas, intitolata "L-iskop [Kamp ta' applikazzjoni]", tipprevedi li:

"1. Dan il-ftehim japplika għal ħaddiema għal terminu fiss [żmien determinat] li għandhom kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit fil-liġi, fil-ftehim kollettiv jew fil-prattika f'kull Stat Membru.

2. L-Istati Membri wara konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali u/jew l-imsieħba soċjali jistgħu jipprovdu li dan il-ftehim ma japplikax għal:

(a) relazzjonijiet ta' taħriġ professjonali u skemi ta' apprentistat tal-bidu;

(b) kuntratti u relazzjonijiet ta' impjieg li kienu konklużi fil-qafas ta' programm speċifiku pubbliku jew bl-appoġġ tal-pubbliku ta' taħriġ, integrazzjoni u taħriġ professjonali mill-ġdid."

6 Il-Klawżola 3 tal-ftehim qafas, intitolata "Definizzjonijiet", tiddisponi li:

"Għall-iskop ta' dan il-ftehim il-kliem:

1. 'ħaddiem għal terminu fiss [żmien determinat]' ifisru persuna li jkollha kuntratt jew relazzjoni ta' l-impjieg dirett bejn min jimpjiega u ħaddiem meta l-aħħar tal-kuntratt jew tar-relazzjoni ta' l-impjieg hu ddeterminat b'kondizzjonijiet oġġettivi bħal li jilħaq data speċifika, ilesti xogħol speċifiku, jew it-twettiq ta' każ speċifiku.

[...]"

7 Il-Klawżola 4 tal-ftehim qafas, intitolata "Il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni", tipprevedi fil-punt 1 tagħha li:

"Fejn għandhom x'jaqsmu l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg, ħaddiema għal terminu fiss [żmien determinat] m'għandhomx jiġu trattati b'mod inqas favorevoli minn ħaddiem kumparabbli permanenti biss minħabba li għandhom kuntratt jew relazzjoni għal terminu fiss sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva."

8 Skont il-Klawżola 5 tal-ftehim qafas, intitolata "Miżuri għal prevenzjoni ta' l-abbuż":

"1. Sabiex jiġi pprevenut l-abbuż ikkawżat mill-użu ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' impjieg għal terminu fiss [żmien determinat], wara konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali skond il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv jew il-prattika, u/jew l-imsieħba soċjali, għandhom, meta ma hemm ebda miżuri ekwivalenti legali biex jipprevjenu l-abbuż, jintroduċu b'mod li jieħu kont tal-ħtiġiet tas-setturi [speċifiċi] u/jew kategoriji [...] ta' ħaddiema, waħda jew iktar mill-miżuri li ġejjin:

(a) raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet;

(b) iż-żmien massimu totali ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' impjieg għal terminu fiss;

(ċ) in-numru ta' tiġdid ta' dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet.

2. L-Istati Membri wara konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali u/jew l-imsieħba soċjali għandhom, meta approprjat, jiddeterminaw taħt liema kondizzjonijiet il-kuntratti jew ir-relazzjonijiet ta' impjieg għal terminu fiss:

(a) għandhom jitqiesu bħala 'suċċessivi';

(b) għandhom jitqiesu bħala kuntratti jew relazzjonijiet għal żmien indefinit [żmien indeterminat]."

Id-Direttiva 91/533

9 L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 91/533 huwa fformulat kif ġej:

"Min iħaddem għandu jkun obbligat li jgħarraf lill-ħaddiem li għalih tapplika din id-Direttiva, minn hawn il' ['il] quddiem imsemmi 'il-ħaddiem', bl-aspetti essenzjali tal-kuntratt jew tar-relazzjoni ta' l-impjieg."

10 Skont l-Artikolu 2(2)(e) tal-istess direttiva, l-informazzjoni mogħtija lill-ħaddiem, fil-każ ta' kuntratt temporanju jew relazzjoni ta' xogħol temporanja, għandha tkopri, *inter alia*, "id-dewmien mistenni tiegħu".

*Id-dritt Taljan*

11 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 117 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Taljana jipprovdi li "[i]s-setgħa leġiżlattiva hija eżerċitata mill-Istat u r-Reġjuni b'osservanza tal-Kostituzzjoni, kif ukoll b'osservanza tar-restrizzjonijiet li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni Komunitarja u l-obbligi internazzjonali".

12 Fl-Italja, l-użu ta' kuntratti għal żmien determinat fis-settur pubbliku huwa rregolat mid-Digriet Leġiżlattiv Nru 165, li jistabbilixxi regoli ġenerali dwar l-organizzazzjoni tax-xogħol fi ħdan l-amministrazzjonijiet pubbliċi (decreto legislativo n. 165 — Norme generali sull'ordinamento del lavoro alle dipendenze delle amministrazioni pubbliche), tat-30 ta' Marzu 2001 (suppliment ordinarju għall-GURI Nru 106, tad-9 ta' Mejju 2001, iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 165/2001").

13 L-Artikolu 36(5) ta' dan id-digriet, kif emendat bil-Liġi Nru 102, dwar il-konverżjoni f'liġi, wara numru ta' emendi, tad-Digriet Liġi Nru 78 tal-1 ta' Lulju 2009, dwar miżuri kontra l-kriżi kif ukoll il-proroga tat-termini u l-parteċipazzjoni Taljana f'missjonijiet internazzjonali (Legge n. 102 — Conversione in legge, con modificazioni, del decreto-legge 1° luglio 2009, n. 78, recante provvedimenti anticrisi, nonché proroga di termini e della partecipazione italiana a missioni internazionali), tat-3 ta' Awwissu 2009 (suppliment ordinarju għall-GURI Nru 179, tal-4 ta' Awwissu 2009), jipprovdi, taħt it-titolu "Forom kuntrattwali flessibbli ta' reklutaġġ u ta' impjieg tal-persunal":

"Fi kwalunkwe każ, il-ksur ta' dispożizzjonijiet imperattivi fil-qasam tar-reklutaġġ jew tal-impjieg ta' ħaddiema mill-amministrazzjonijiet pubbliċi ma jistax iwassal għall-istabbiliment ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien indeterminat ma' dawn l-amministrazzjonijiet pubbliċi, bla ħsara għar-responsabbiltà u għas-sanzjonijiet li dawn jistgħu jinkorru. Il-ħaddiem ikkonċernat għandu dritt għall-kumpens għad-dannu li jirriżulta mix-xogħol imwettaq bi ksur ta' dispożizzjonijiet imperattivi [...]"

14 Skont id-deċiżjonijiet tar-rinviju, ix-xogħol għal żmien determinat mal-amministrazzjoni pubblika huwa wkoll suġġett għad-Digriet Leġiżlattiv Nru 368, li jittrasponi d-Direttiva 1999/70/KE, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [żmien determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP (Decreto legislativo n. 368 — Attuazione della direttiva 1999/70/CE relativa all'accordo quadro sul lavoro a tempo determinato concluso dall'UNICE, dal CEEP e dal CES), tas-6 ta' Settembru 2001 (GURI Nru 235, tad-9 ta' Ottubru 2001, p. 4, iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 368/2001").

15 L-Artikolu 5(4a) ta' dan id-digriet leġiżlattiv huwa fformulat kif ġej:

"Bla ħsara għas-sistema ta' kuntratti suċċessivi kif prevista fil-paragrafi preċedenti u għal xi dispożizzjonijiet kuntrarji ta' konvenzjonijiet kollettivi konklużi fil-livell nazzjonali, lokali jew ta' impriża mal-organizzazzjonijiet sindakali l-iktar rappreżentattivi fil-livell nazzjonali, meta, b'effett ta' sensiela ta' kuntratti għal żmien determinat għall-eżerċizzju ta' funzjonijiet ekwivalenti, ir-relazzjoni ta' xogħol bejn l-istess persuna li timpjega u l-istess ħaddiem taqbeż, globalment, perijodu ta' sitta u tletin xahar, inklużi l-estensjonijiet u t-tiġdid, indipendentement minn perijodi ta' interruzzjoni bejn il-kuntratti, ir-relazzjoni ta' xogħol għandha titqies li hija għal żmien indeterminat [...]"

16 Skont l-Artikolu 10(4a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 368/2001, kif emendat bl-Artikolu 9(18) tad-Digriet Liġi Nru 70, tat-13 ta' Mejju 2011 (iktar 'il quddiem id-"Digriet Liġi Nru 70/2011"), li sar il-Liġi Nru 106, tat-12 ta' Lulju 2011 (GURI Nru 160, tat-12 ta' Lulju 2011):

"[...] huma esklużi wkoll mill-applikazzjoni ta' dan id-digriet il-kuntratti għal żmien determinat konklużi għas-sostituzzjoni ta' għalliema u ta' persunal ATA [amministrattiv, tekniku u awżiljarju], meta tittieħed inkunsiderazzjoni n-neċessità li tiġi ggarantita l-kontinwità tas-servizz skolastiku u edukattiv, inkluż fil-każ ta' assenza temporanja ta' għalliema u ta' persunal ATA li jkollhom relazzjoni ta' xogħol għal żmien indeterminat jew determinat. Fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 5(4a) ta' dan id-digriet ma għandux japplika."

17 Għal dak li jirrigwarda l-għalliema u l-persunal amministrattiv, tekniku u awżiljarju, ir-regoli dwar ir-relazzjoni ta' xogħol għal żmien determinat jinsabu fl-Artikolu 4 tal-Liġi Nru 124, dwar dispożizzjonijiet urġenti fil-qasam tal-persunal skolastiku (Legge n. 124 — Disposizioni urgenti in materia di personale scolastico), tat-3 ta' Mejju 1999 (GURI Nru 107, tal-10 ta' Mejju 1999), kif emendat bid-Digriet Liġi Nru 134, tal-25 ta' Settembru 2009, li sar, wara mumru ta' emendi, il-Liġi Nru 167, tal-24 ta' Novembru 2009 (GURI Nru 274, tal-24 ta' Novembru 1999, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 124/1999"). Skont il-qorti tar-rinviju fil-Kawżi C-22/13 u C-61/13 sa C-63/13, din il-liġi ma hijiex, min-naħa l-oħra, applikabbli għall-iskola komunali, li tibqa' suġġetta għad-Digrieti Leġiżlattivi Nri 165/2001 u 368/2001.

18 Skont l-Artikolu 4 tal-Liġi Nru 124/1999:

"1. Meta ma jkunx possibbli li l-pożizzjonijiet ta' professuri u ta' għalliema li effettivament ikunu vakanti u disponibbli qabel il-31 ta' Diċembru jimtlew b'għalliema permanenti li jifformaw parti mill-persunal provinċjali jew bl-użu ta' persunal żejjed u meta jkun prevedibbli li tali pożizzjonijiet ser jibqgħu vakanti matul is-sena skolastika kollha, u bil-kundizzjoni li persunal permanenti ma jkunx diġà ġie assenjat f'dawn il-pożizzjonijiet bi kwalunkwe titolu, dawn għandhom jimtlew permezz ta' sostituzzjonijiet annwali, fl-istennija tat-tmiem tal-proċeduri ta' kompetizzjoni għar-reklutaġġ ta' għalliema permanenti.

2. Il-pożizzjonijiet ta' professuri u ta' għalliema mhux vakanti li jsiru disponibbli *de facto* qabel il-31 ta' Diċembru u sat-tmiem tas-sena skolastika għandhom jimtlew permezz ta' sostituzzjonijiet temporanji sat-tmiem tal-attivitajiet ta' tagħlim. Bl-istess mod, is-siegħat ta' tagħlim li ma jippermettux li jinħolqu pożizzjonijiet full-time jew part-time għandhom jimtlew permezz ta' sostituzzjonijiet temporanji sat-tmiem tal-attivitajiet ta' tagħlim.

3. F'każijiet oħra minn dawk previsti fil-paragrafi 1 u 2, dawn il-pożizzjonijiet għandhom jimtlew permezz ta' sostituzzjonijiet temporanji.

[…]

6. Għas-sostituzzjonijiet annwali u temporanji, sat-tmiem tal-attivitajiet ta' tagħlim, għandha tintuża l-lista permanenti ta' kandidati xierqa msemmija fl-Artikolu 401 tat-test uniku, kif issostitwit mill-Artikolu 1(6) ta' din il-liġi.

[...]

11. Id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi preċedenti għandhom japplikaw ukoll għall-persunal amministrattiv, tekniku u awżiljarju (ATA) […]

[…]

14a. Il-kuntratti għal żmien determinat konklużi sabiex isiru s-sostituzzjonijiet previsti fil-paragrafi 1, 2 u 3, sa fejn huma neċessarji sabiex jiggarantixxu l-kontinwità tas-servizz skolastiku u edukattiv, ma jistgħux jinbidlu f'relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien indeterminat ħlief fil-każ ta' ħatra fuq bażi permanenti b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ u fuq il-bażi tal-listi ta' kandidati xierqa […]"

19 Skont l-Artikolu 1 tad-Digriet tal-Ministru tal-Edukazzjoni Nru 131 (Decreto del Ministero della pubblica istruzione, n. 131), tat-13 ta' Ġunju 2007 (iktar ''il quddiem id-"Digriet Nru 131/2007"), il-kompiti mogħtija lill-għalliema u lill-persunal amministrattiv, tekniku u awżiljarju tal-iskejjel amministrati mill-Istat jaqgħu għalhekk taħt tliet kategoriji:

— sostituzzjonijiet annwali, għal pożizzjonijiet vakanti u disponibbli, jiġifieri mingħajr ħatra fuq bażi permanenti;

— sostituzzjonijiet temporanji sat-tmiem tal-attivitajiet pedagoġiċi, għal pożizzjonijiet mhux vakanti iżda xorta waħda disponibbli; u

— sostituzzjonijiet temporanji għal kull bżonn ieħor, jew sostituzzjonijiet għal żmien qasir.

20 Il-ħatra fuq bażi permanenti msemmija fl-Artikolu 4(14a) tal-Liġi Nru 124/1999 hija rregolata mill-Artikoli 399 u 401 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297, li jiġbor f'test uniku d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi applikabbli fil-qasam tat-tagħlim (Decreto legislativo n. 297 — Testo unico delle disposizioni legislative in materia di istruzione), tas-16 ta' April 1994 (suppliment ordinarju għall-GURI Nru 115, tad-19 ta' Mejju 1994, iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 297/1994").

21 L-Artikolu 399(1) ta' dan id-digriet jipprevedi li:

"Ir-reklutaġġ ta' għalliema tal-kindergarten, tal-iskola primarja u tal-iskola sekondarja, inklużi l-liċej artistiċi u l-istituti tal-arti, għandu jsir, għal 50 % tal-pożizzjonijiet disponibbli għal kull sena skolastika, permezz ta' kompetizzjoni abbażi ta' kwalifiki u ta' eżamijiet u, għall-50 % li jifdal, fuq il-bażi tal-listi permanenti ta' kandidati xierqa msemmija fl-Artikolu 401."

22 L-Artikolu 401(1) u (2) ta' dan l-istess digriet jipprevedi li:

"1. Il-listi ta' kandidati xierqa li jirriżultaw minn kompetizzjonijiet organizzati esklużivament abbażi ta' kwalifiki għall-għalliema tal-kindergarten, tal-iskola primarja u tal-iskola sekondarja, inklużi l-liċej artistiċi u l-istituti tal-arti, għandhom jinbidlu f'listi permanenti ta' kandidati xierqa li għandhom jintużaw għall-ħatriet fuq bażi permanenti msemmija fl-Artikolu 399(1).

2. Il-listi permanenti ta' kandidati xierqa msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu kkompletati perijodikament permezz tal-inklużjoni ta' għalliema li jkunu għaddew mill-eżamijiet tal-aħħar kompetizzjoni reġjonali abbażi ta' kwalifiki u ta' eżamijiet, fir-rigward tal-istess kategorija ta' kompetizzjoni u l-istess kariga, u ta' għalliema li jkunu talbu t-trasferiment tagħhom mill-lista permanenti korrispondenti ta' kandidati xierqa ta' provinċja oħra. Il-klassifikazzjoni fil-listi ta' kandidati xierqa ta' għalliema li jkunu diġà ġew inklużi fil-lista permanenti ta' kandidati xierqa għandha tiġi aġġornata flimkien mal-inklużjoni ta' kandidati ġodda."

**Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari**

*Il-Kawżi C-22/13 u C-61/13 sa C-63/13*

23 R. Mascolo, A. Forni, I. Racca u F. Russo ġew irreklutati permezz ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat, l-ewwel tlieta fil-kwalità ta' għalliema mal-Ministero u l-aħħar waħda fil-kwalità ta' għalliema fi crèche u fi kindergarten mal-Comune di Napoli. Abbażi ta' dawn il-kuntratti, huma ħadmu għall-persuni rispettivi li impjegawhom għal dawn il-perijodi: 71 xahar fuq perijodu ta' 9 snin għal R. Mascolo (bejn l-2003 u l-2012), 50 xahar u 27 jum fuq perijodu ta' 5 snin għal A. Forni (bejn l-2006 u l-2011), 60 xahar fuq perijodu ta' 5 snin għal I. Racca (bejn l-2007 u l-2012) u 45 xahar u 15-il jum fuq perijodu ta' 5 snin għal F. Russo (bejn l-2006 u l-2011).

24 Peress li jqisu dawn il-kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat bħala illegali, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ressqu kawża quddiem it-Tribunale di Napoli u talbu, prinċipalment, li dawn il-kuntratti għal żmien determinat jinbidlu f'relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien indeterminat u, għaldaqstant, li jinħatru fuq bażi permanenti kif ukoll il-ħlas ta' salarji li jikkorrispondu għall-perijodi ta' interruzzjoni bejn it-tmiem ta' kuntratt u d-dħul fis-seħħ ta' dak ta' wara u, sussidjarjament, li jingħataw kumpens għad-dannu mġarrab.

25 Billi nħatret fuq bażi permanenti matul il-proċedura bis-saħħa tal-progressjoni tagħha fil-lista permanenti ta' kandidati xierqa, I. Racca bidlet ir-rikors inizjali tagħha sabiex titlob ir-rikonoxximent sħiħ tal-anzjanità tagħha fis-servizz u kumpens għad-dannu mġarrab.

26 Skont il-Ministero u l-Comune di Napoli, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 36(5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 165/2001 jipprekludi kull bidla tar-relazzjoni ta' xogħol. L-Artikolu 5(4a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 368/2001 ma huwiex applikabbli, meta jiġi kkunsidrat l-Artikolu 10(4)a tal-istess digriet, li ddaħħal permezz tal-Artikolu 9(18) tad-Digriet Liġi Nru 70/2011. Barra minn hekk, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali lanqas ma għandhom dritt għad-danni, peress li l-proċedura ta' reklutaġġ kienet legali u li, fi kwalunkwe każ, ma ngħatatx prova ta' att illeċitu. Finalment, billi l-kuntratti għal żmien determinat ma kinux marbuta ma' xulxin u għalhekk la kienu jikkostitwixxu l-kontinwazzjoni u lanqas il-proroga ta' kuntratti preċedenti, ma kien hemm ebda abbuż.

27 It-Tribunale di Napoli, li quddiemu tressqet din il-kawża, jindika, l-ewwel nett, li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Corte suprema di cassazione (qorti ta' kassazzjoni) fis-Sentenza Nru 10127/12 tagħha, tikser il-Klawżola 5 tal-ftehim qafas.

28 Fil-fatt, din il-leġiżlazzjoni ma tinkludi ebda miżura ta' prevenzjoni fis-sens tal-punt 1(a) ta' din il-klawżola, peress li ma tippermettix li jiġi vverifikat fil-prattika, b'mod oġġettiv u trasparenti, l-eżistenza ta' bżonn reali ta' sostituzzjoni temporanja u tippermetti, kif jipprevedi speċifikament l-Artikolu 4(1) tal-Liġi Nru 124/1999, it-tiġdid ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat sabiex jimtlew pożizzjonijiet vakanti attwali. Issa, l-imsemmija leġiżlazzjoni lanqas ma tinkludi miżuri ta' prevenzjoni fis-sens tal-punt 1(b) tal-imsemmija klawżola. Fil-fatt, l-Artikolu 10(4a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 368/2001 jeskludi issa l-applikazzjoni tal-Artikolu 5(4a) tal-imsemmi digriet

għas-settur tal-iskejjel pubbliċi, liema artikolu jipprevedi li l-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat li jeċċedi 36 xahar għandhom jinbidlu f'kuntratti ta' xogħol għal żmien indeterminat. Barra minn hekk, l-imsemmija leġiżlazzjoni ma tinkludix miżuri ta' prevenzjoni fis-sens tal-punt 1(ċ) tal-istess klawżola.

29 Barra minn hekk, l-ebda miżura ta' sanzjoni ma hija prevista, peress li l-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat jistgħu jinbidlu f'kuntratti ta' xogħol għal żmien indeterminat, skont l-Artikolu 4(14a) tal-Liġi Nru 124/1999, biss fil-każ ta' ħatra fuq bażi permanenti abbażi tal-listi ta' kandidati xierqa. Minbarra dan, id-dritt għal kumpens għad-dannu kkawżat mis-sensiela ta' kuntratti għal żmien determinat huwa eskluż ukoll. Fil-fatt, skont is-Sentenza Nru 10127/12 tal-Corte suprema di cassazione, l-Artikolu 36(5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 165/2001, li jipprevedi, bħala prinċipju, tali dritt fis-settur pubbliku, ma huwiex applikabbli meta l-kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat ikunu qabżu l-limitu massimu ta' 36 xahar previst fl-Artikolu 5(4a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 368/2001.

30 It-tieni nett, il-qorti tar-rinviju, billi tosserva li huma biss l-iskejjel amministrati mill-Istat li għandhom id-dritt li jirreklutaw persunal għal żmien determinat mingħajr ma jkunu suġġetti għal-limiti previsti mid-Digriet Leġiżlattiv Nru 368/2001, minn liema fatt tirriżulta distorsjoni tal-kompetizzjoni għad-detriment tal-iskejjel privati, tistaqsi jekk l-iskejjel amministrati mill-Istat jaqgħux taħt il-kunċett ta' "setturi [speċifiċi] u/jew kategoriji [...] ta' ħaddiema" fis-sens tal-Klawżola 5 tal-ftehim qafas, li jiġġustifika sistema distinta ta' prevenzjoni u ta' sanzjoni għall-użu abbużiv ta' sensiela ta' kuntratti għal żmien determinat.

31 It-tielet nett, din il-qorti tistaqsi fuq il-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni mal-Klawżola 4 tal-ftehim qafas, sa fejn tali leġiżlazzjoni tipprevedi li ħaddiem tas-settur pubbliku rreklutat illegalment għal żmien determinat, għad-differenza ta' ħaddiem irreklutat għal żmien indeterminat u li jkun tkeċċa illegalment, ma għandux dritt għal kumpens għad-dannu mġarrab.

32 Ir-raba' nett, l-imsemmija qorti, billi tqis li, fil-kawża li wasslet għad-digriet Affatato (C-3/10, EU:C:2010:574), il-Gvern Taljan sostna li l-Artikolu 5(4a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 368/2001 huwa applikabbli għas-settur pubbliku, filwaqt li l-Corte suprema di cassazione ddeċidiet bil-kontra fis-Sentenza Nru 10127/12 tagħha, tistaqsi jekk, fid-dawl tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, din l-interpretazzjoni żbaljata tad-dritt nazzjonali mill-Gvern għandhiex tiġi imposta fuq il-qrati nazzjonali, biex b'hekk jissaħħaħ l-obbligu tagħhom li jagħtu interpretazzjoni konformi mad-dritt tal-Unjoni.

33 Il-ħames nett, it-Tribunale di Napoli jistaqsi dwar jekk il-possibbiltà li kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat jinbidel f'kuntratt ta' xogħol għal żmien indeterminat, prevista fl-Artikolu 5(4a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 368/2001, tifformax parti mill-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 2(1) u (2)(e) tad-Direttiva 91/533 li l-persuna li timpjega hija obbligata li tgħarraf lill-ħaddiem u, fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, jekk l-esklużjoni retroattiva tal-applikazzjoni tal-Artikolu 5(4a) fil-konfront tal-iskejjel amministrati mill-Istat permezz tad-Digriet Liġi Nru 70/2011 hijiex konformi ma' din id-direttiva.

34 Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk tali emenda retroattiva tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, li kellha bħala effett li tneħħi mill-persunal tal-iskejjel amministrati mill-Istat dritt li dan il-persunal kellu meta ġie rreklutat, hijiex kompatibbli mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni.

35 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunal di Napoli ddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti, fejn is-seba' domanda saret biss fil-Kawżi C-61/13 u C-62/13, filwaqt li, fil-Kawża C-63/13, saru biss it-tieni, it-tielet u r-raba' domanda, li jikkorrispondu għall-ewwel, għat-tieni u għat-tielet domanda ta' din l-aħħar kawża:

"1) Il-qafas leġiżlattiv applikabbli fis-settur skolari, kif deskritt, jikkostitwixxi miżura ekwivalenti fis-sens tal-Klawżola 5 tad-Direttiva [1999/70]?

2) F'liema ċirkustanzi għandu jitqies li relazzjoni ta' xogħol hija mal-'Istat', fis-sens tal-Klawżola 5 tad-Direttiva [1999/70] u b'mod partikolari wkoll tal-espressjoni 'setturi [speċifiċi] u/jew kategoriji [...] ta' ħaddiema', b'tali mod li jkunu jistgħu jiġu ġġustifikati konsegwenzi differenti meta mqabbla mar-relazzjonijiet ta' xogħol privati?

3) Fid-dawl ta' dak speċifikat fl-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva [tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79)], u fl-Artikolu 14(1)(ċ) tad-Direttiva [2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Lulju 2006, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU L 204, p. 23)], il-kunċett ta' 'kundizzjonijiet tal-impjieg' użat fil-Klawżola 4 tad-Direttiva [1999/70] jinkludi wkoll il-konsegwenzi tat-terminazzjoni illegali tar-relazzjoni ta' xogħol? Fl-eventwalità li d-domanda li għadha kemm saret tingħata risposta fl-affermattiv, id-differenza fil-konsegwenzi normalment previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali fir-rigward tat-terminazzjoni illegali tar-relazzjoni ta' xogħol għal żmien indeterminat u għal żmien determinat tista' tiġi ġġustifikata fis-sens tal-Klawżola 4 [tad-Direttiva 1999/70]?

4) Fid-dawl tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, Stat huwa prekluż milli jippreżenta, fi proċedura għal deċiżjoni preliminari fejn tintalab l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, qafas leġiżlattiv nazzjonali li intenzjonalment ma jkunx jikkorrispondi għal dak reali, u l-qorti hija obbligata, fl-assenza ta' [kwalsiasi] interpretazzjoni differenti [oħra] tad-dritt nazzjonali li tkun ukoll tissodi[s]fa l-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija fl-Unjoni Ewropea, li tinterpreta, sa fejn possibbli, id-dritt nazzjonali inkonformità mal-interpretazzjoni proposta mill-Istat?

5) Il-kundizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni ta' xogħol, previsti fid-Direttiva [91/533] u, b'mod partikolari, fl-Artikolu 2(1) u (2)(e) [tagħha], jinkludu l-indikazzjoni tal-każijiet li fihom il-kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat jista' jiġi ttrasformat f'kuntratt għal żmien indeterminat?

6) Fl-eventwalità li d-domanda preċedenti tingħata risposta fl-affermattiv, emenda b'effett retroattiv tal-qafas leġiżlattiv ta' natura tali li ma tiggarantixxix lill-ħaddiem impjegat il-possibbiltà li jinvoka d-drittijiet tiegħu taħt [din] id-Direttiva, jiġifieri li ma tiggarantixxix l-osservanza tal-kundizzjonijiet tax-xogħol indikati fid-dokument ta' reklutaġġ, hija kuntrarja għall-Artikolu 8(1) tad-Direttiva [91/533] u għall-għanijiet ta' din id-direttiva, b'mod partikolari għall-għan iddikjarat fit-tieni premessa [tagħha]?

7) Il-prinċipji ġenerali tad-dritt [tal-Unjoni] applikabbli dwar iċ-ċertezza legali, il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, l-opportunitajiet ugwali għall-partijiet, il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva, l-aċċess għal qorti indipendenti u, b'mod iktar ġenerali, id-dritt għal smigħ xieraq, iggarantiti fl-[Artikolu 6 TUE] [...] — ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 6 tal-[KEDB] u mal-Artikoli 46, 47 u 52(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni [...] — għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu, fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva [1999/70], l-introduzzjoni mill-Istat Taljan, wara perijodu ta' żmien kunsiderevoli (tliet snin u sitt xhur), ta' dispożizzjoni leġiżlattiva, bħalma hija l-Artikolu 9 tad-Digriet Leġiżlattiv [Liġi] [Nru 70/2011], li żiedet il-paragrafu 4a fl-Artikolu 10 tad-Digriet Leġiżlattiv [Nru 368/2001], li hija ta' natura li tibdel il-konsegwenzi ta' proċessi pendenti billi tippreġudika direttament il-ħaddiem filwaqt li tiffavorixxi lill-persuna li timpjega, li tkun l-Istat, u billi telimina l-possibbiltà, prevista fl-ordinament ġuridiku nazzjonali, li tiġi ssanzjonata l-konklużjoni abbużiva ta' kuntratti għal żmien determinat?"

36 Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Marzu 2013, il-Kawżi C-22/13 u C-61/13 sa C-63/13 ingħaqdu flimkien għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali, kif ukoll tas-sentenza.

*Il-Kawża C-418/13*

37 C. Napolitano, D. Cittadino u G. Zangari kif ukoll S. Perrella u G. Romano ġew irreklutati mill-Ministero permezz ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat, l-ewwel erbgħa fil-kwalità ta' għalliema u l-aħħar wieħed fil-kwalità ta' kollaboratur amministrattiv. Mill-informazzjoni mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, skont dawn il-kuntratti, huma ħadmu għall-persuni rispettivi li impjegawhom għal dawn il-perijodi: 55 xahar fuq perijodu ta' 6 snin għal C. Napolitano (bejn l-2005 u l-2010), 100 xahar fuq perijodu ta' 10 snin għal D. Cittadino (bejn l-2002 u l-2012), 113-il xahar fuq perijodu ta' 11-il sena għal G. Zangari (bejn l-2001 u l-2012), 81 xahar fuq perijodu ta' 7 snin għal S. Perrella (bejn l-2003 u l-2010) u 47 xahar fuq perijodu ta' 4 snin għal G. Romano (bejn l-2007 u l-2011).

38 Peress li jqisu li dawn il-kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat kienu illegali, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ressqu kawża, rispettivament, quddiem it-Tribunale di Roma u t-Tribunale di Lamezia Terme fejn huma talbu, prinċipalment, il-bidla tal-kuntratti rispettivi tagħhom f'kuntratti ta' xogħol għal żmien indeterminat u, konsegwentement, li jinħatru fuq bażi permanenti u jitħallsu s-salarji dovuti għall-perijodi ta' interruzzjoni bejn it-tmiem ta' kuntratt għal żmien determinat u d-dħul fis-seħħ tal-kuntratt segwenti. Sussidjarjament, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali talbu wkoll kumpens għad-dannu mġarrab.

39 Fil-kuntest tal-kawżi mressqa quddiemhom, it-Tribunale di Roma u t-Tribunale di Lamezia Terme għandhom dubji dwar il-kompatibbiltà tal-Artikolu 4(1) u (11) tal-Liġi Nru 124/1999 mal-Klawżola 5 tal-ftehim qafas, sa fejn din id-dispożizzjoni nazzjonali tippermetti lill-amministrazzjoni li tirrekluta, mingħajr limitu, għal żmien determinat, għalliema u persunal tekniku u amministrattiv sabiex timla l-pożizzjonijiet vakanti fit-tabella tal-persunal ta' skola. Peress li kienu tal-fehma li din il-kwistjoni ma setgħetx tiġi deċiża permezz ta' interpretazzjoni konformi, billi l-imsemmija dispożizzjoni kienet ifformulata b'mod mhux ekwivoku, u lanqas permezz tan-nuqqas ta' applikazzjoni tagħha, billi l-Klawżola 5 tal-ftehim qafas kienet nieqsa minn effett dirett, dawn il-qrati ssottomettew fuq bażi inċidentali lill-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) kwistjoni ta' legalità kostituzzjonali fir-rigward tal-Artikolu 4(1) u (11) tal-Liġi Nru 124/1999, minħabba l-ksur tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 117 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Taljana, moqri flimkien mal-Klawżola 5 tal-ftehim qafas.

40 Fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, il-Corte costituzionale tikkonstata li l-leġiżlazzjoni Taljana applikabbli għall-iskejjel amministrati mill-Istat ma tipprevedi, fir-rigward tal-persunal irreklutat għal żmien determinat, la t-tul massimu totali tal-kuntratti suċċessivi għal żmien determinat u lanqas in-numru massimu ta' drabi li dawn jistgħu jiġġeddu, fis-sens tal-Klawżola 5(1)(b) u (ċ) tal-ftehim qafas. Din il-qorti tistaqsi madankollu jekk din il-leġiżlazzjoni tistax tiġi ġġustifikata bħala "raġuni oġġettiva" fis-sens tal-punt 1(a) tal-imsemmija klawżola.

41 Skont il-qorti tar-rinviju, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawżi prinċipali hija strutturata, għall-inqas bħala prinċipju, b'tali mod li r-reklutaġġ ta' persunal skolastiku taħt kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat jista' jissodisfa tali raġuni oġġettiva. Fil-fatt, is-servizz skolastiku għandu jkun "disponibbli skont il-bżonn", fis-sens li d-dritt fundamentali għall-edukazzjoni previst mill-Kostituzzjoni Taljana jimplika li l-Istat ma jistax jirrifjuta milli jipprovdi tali edukazzjoni u, konsegwentement, li huwa obbligat jorganizzaha b'mod li jkun jista' jadattaha kontinwament skont l-iżviluppi fil-popolazzjonji skolastika. Dan ir-rekwiżit inerenti ta' flessibbiltà jrendi indispensabbli r-reklutaġġ ta' numru kbir ta' għalliema u ta' membri tal-persunal tal-iskejjel amministrati mill-Istat permezz ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat. Barra minn hekk, is-sistema ta' listi permanenti ta' kandidati xierqa, assoċjata ma' dik tal-kompetizzjoni pubblika, tiggarantixxi l-osservanza ta' kriterji oġġettivi meta jsir reklutaġġ ta' persunal skolastiku permezz ta' tali kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat u jippermetti lil dak il-persunal li jkollu opportunità raġonevoli li jinħatar fuq bażi permanenti.

42 Il-Corte costituzionale tosserva madankollu li l-Artikolu 4(1) tal-Liġi Nru 124/1999, għalkemm ma jipprevedix għat-tiġdid ripetut ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinet u ma jeskludix id-dritt għal kumpens għad-danni, jippermetti li jsiru sostituzzjonijiet annwali għal pożizzjonijiet vakanti u disponibbli "fl-istennija tat-tmiem tal-proċeduri ta' kompetizzjoni għar-reklutaġġ ta' għalliema permanenti". Issa, il-proċeduri ta' kompetizzjoni ġew interrotti bejn l-2000 u l-2011. Din id-dispożizzjoni jħallu għalhekk miftuħa l-possibbiltà li l-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat jiġu mġedda mingħajr ma jkun ġie stabbilit terminu preċiż għall-iżvolġiment tal-kompetizzjoni. Din iċ-ċirkustanza, flimkien mal-assenza ta' dispożizzjoni li tirrikonoxxi d-dritt għal kumpens għad-danni lill-persunal tal-iskejjel amministrati mill-Istat li jkun ġie suġġett indebitament għal kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat, tista' twassal sabiex din id-dispożizzjoni tkun tikser il-Klawżola 5(1) tal-ftehim qafas.

43 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Corte costituzionale ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) Il-klawżola 5(1) tal-[ftehim qafas] għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi l-applikazzjoni tal-aħħar sentenza tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 4(11) tal-Liġi [Nru 124/1999] — li, wara li jistabbilixxu r-regoli għas-supplenti annwali għall-pożizzjonijiet 'li huma effettivament vakanti u disponibbli qabel il-31 ta' Diċembru', jipprovdu li l-pożizzjonijiet jimtlew permezz ta' supplenti annwali 'fl-istennija tat-tmiem tal-proċeduri ta' kompetizzjoni għar-reklutaġġ ta' għalliema permanenti' — sa fejn din id-dispożizzjoni tippermetti li jintużaw kuntratti għal żmien determinat mingħajr ma jiġu indikati t-termini preċiżi għat-tmiem tal-kompetizzjonijiet u mingħajr ma tipprovdi d-dritt għall-kumpens għad-dannu?

2) Il-ħtiġijiet ta' organizzazzjoni tas-sistema skolastika Taljana, kif deskritt hawn fuq, jikkostitwixxu raġunijiet oġġettivi fis-sens tal-klawżola 5(1) [tal-ftehim qafas], b'tali mod li leġiżlazzjoni bħal dik Taljana, li ma tipprovdix id-dritt għall-kumpens għad-dannu fir-rigward tal-impjieg ta' persunal fl-iskejjel għal żmien determinat, tkiun kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni?"

44 Permezz ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Frar 2014, il-Kawżi C-22/13 u C-61/13 sa C-63/13 kif ukoll C-418/13 ingħaqdu flimkien għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali, kif ukoll tas-sentenza.

**Fuq id-domandi preliminari**

45 Permezz tad-domandi tagħhom, il-qrati tar-rinviju jistaqsu lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni, rispettivament, tal-Klawżola 5(1) tal-ftehim qafas (l-ewwel u t-tieni domanda fil-Kawżi C-22/13, C-61/13 u C-62/13, l-ewwel domanda fil-Kawża C-63/13 kif ukoll l-ewwel u t-tieni domanda fil-Kawża C-418/13), tal-Klawżola 4 ta' dan il-ftehim qasam (it-tielet domanda fil-Kawżi C-22/13, C-61/13 u C-62/13 kif ukoll it-tieni domanda fil-Kawża C-63/13), tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali (ir-raba' domanda fil-Kawżi C-22/13, C-61/13 u C-62/13 kif ukoll it-tielet domanda fil-Kawża C-63/13), tad-Direttiva 91/533 (il-ħames u s-sitt domanda fil-Kawżi C-22/13, C-61/13 u C-62/13), kif ukoll ta' diversi prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni (is-seba' domanda fil-Kawżi C-61/13 u C-62/13).

*Fuq l-ammissibbiltà*

46 Il-Comune di Napoli jsostni li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba mit-Tribunale di Napoli fil-Kawża C-63/13 ma hijiex neċessarja sabiex tiġi deċiża l-kawża prinċipali u li, għalhekk, it-talba għal deċiżjoni preliminari f'din il-kawża hija inammissibbli fl-intier tagħha. Din il-qorti tindika hija stess fid-deċiżjoni ta' rinviju li hija tqis li, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-ftehim

qafas, il-miżuri adottati mil-leġiżlatur nazzjonali sabiex jittrasponi tali ftehim qafas huma insuffiċjenti. Għaldaqstant, l-imsemmija qorti għandha tiddeċiedi l-kawża prinċipali billi tinterpreta d-dritt nazzjonali b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni.

47 Għandu jitfakkar madankollu li, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, huwa l-kompitu esklużiv tal-qorti nazzjonali, li tkun ħadet konjizzjoni tal-kawża u li jkollha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja sussegwenti, li tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza Rosado Santana, C-177/10, EU:C:2011:557, point 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 Hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ripetutament, il-qrati nazzjonali għandhom, f'dan ir-rigward, diskrezzjoni mill-iktar wiesgħa sabiex jadixxu lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk huma jqisu li kawża pendenti quddiemhom tqajjem kwistjonijiet li jeżiġu interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Križan *et*, C-416/10, EU:C:2013:8, punt 64, kif ukoll Ogieriakhi, C-244/13, EU:C:2014:2068, punt 52).

49 Minn dan jirriżulta li l-eżistenza ta' ġurisprudenza stabbilita fuq punt ta' dritt tal-Unjoni, filwaqt li tista' twassal lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tadotta digriet skont l-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, ma tista' bl-ebda mod taffettwa l-ammissibbiltà ta' talba għal deċiżjoni preliminari fil-każ li qorti nazzjonali tiddeċiedi, fil-kuntest ta' din is-setgħa diskrezzjonali, li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 267 TFUE.

50 Madankollu, għandu jitfakkar ukoll li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirrifjuta li tiddeċiedi dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali meta jidher b'mod ċar li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma għandha l-ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema hija ta' natura ipotetika jew meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddisponix mill-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod xieraq għad-domandi magħmula lilha (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Érsekcsanádi Mezőgazdasági, C-56/13, EU:C:2014:352, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 F'dan il-każ, għandu jiġi osservat li, fil-Kawża C-63/13, il-qorti tar-rinviju għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja tliet domandi preliminari li huma identiċi għat-tieni, għat-tielet u għar-raba' magħmula diġà fil-Kawżi C-22/13, C-61/13 u C-62/13.

52 Madankollu, mid-deċiżjoni ta' rinviju fil-Kawża C-63/13 jirriżulta li l-kuntest kemm fattwali kif ukoll leġiżlattiv relatat ma' din il-kawża huwa fundamentalment differenti minn dak inkwistjoni fit-tliet każijiet l-oħra, peress li, skont il-qorti tar-rinviju, F. Russo, fil-kwalità tagħha bħala għalliema impjegata fi crèche komunali u fi kindergarten komunali, ma taqax, għad-differenza ta' R. Mascolo, A. Forni u I. Racca, kif ukoll, barra minn hekk, tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali fil-Kawża C-418/13, taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-iskejjel amministrati mill-Istat li tirriżulta mil-Liġi Nru 124/1999, iżda tibqa' suġġetta għal-leġiżlazzjoni ġenerali prevista, b'mod partikolari, mid-Digriet Leġiżlattiv Nru 368/2001.

53 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidher li l-ewwel domanda magħmula fil-Kawża C-63/13, li tirrigwarda, l-istess bħal fil-Kawżi C-22/13, C-61/13 u C-62/13, il-kwistjoni dwar jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali prevista mil-Liġi Nru 124/1999 hijiex konformi mal-Klawżola 5 tal-ftehim qafas, sa fejn l-imsemmija liġi tippermetti lill-Istat, għall-iskejjel li huwa jamministra, li jirrekluta persunal permezz ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat, mingħajr ma jkun suġġett, għad-differenza tal-iskejjel privati, għal-limiti stabbiliti permezz tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 368/2001, ma hijiex rilevanti sabiex tiġi deċiża l-kawża prinċipali fil-Kawża C-63/13 u għandha, għalhekk, natura ipotetika.

54 Dan japplika wkoll għat-tieni domanda magħmula fl-istess kawża, li tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, kif tirriżulta b'mod partikolari mill-Artikolu 36(5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 165/2001, hijiex konformi mal-Klawżola 4 tal-ftehim qafas, sa fejn l-imsemmija leġiżlazzjoni teskludi, fis-settur pubbliku, kull dritt għal kumpens għad-danni fil-każ ta' użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat.

55 Fil-fatt, it-Tribunale di Napoli jikkonstata huwa stess, fid-deċiżjoni ta' rinviju fil-Kawża C-63/13, li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali tibbenefika, għad-differenza tar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali fil-Kawżi C-22/13, C-61/13 u C-62/13, mill-applikazzjoni tal-Artikolu 5(4a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 368/2001, li jipprevedi l-bidla ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat li jeċċedi 36 xahar f'kuntratti ta' xogħol għal żmien indeterminat, li din il-qorti tqis, ġustament, li tikkostitwixxi miżura li, sa fejn hija tipprevjeni l-użu abbużiv ta' tali kuntratti u twassal għall-eliminazzjoni definittiva tal-konsegwenzi tal-abbuż, hija konformi mar-rekwiżiti li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Fiamingo *et*, C-362/13, C-363/13 u C-407/13, EU:C:2014:2044, punti 69 u 70 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

56 Għandu jiġi kkonstatat li l-imsemmija qorti bl-ebda mod ma tispjega kif, f'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tieni domanda tagħha fil-Kawża C-63/13 tibqa' rilevanti sabiex tiddeċiedi, fil-kawża prinċipali, dwar il-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni mad-dritt tal-Unjoni.

57 F'kull każ, ma jirriżulta bl-ebda mod mid-deċiżjoni ta' rinviju kif ħaddiem li jibbenefika minn tali bidla, fejn it-talba tiegħu għal kumpens titressaq, barra minn hekk, b'mod sussidjarju, jista' jġarrab, l-istess bħall-ħaddiema li jinsabu ruħhom fis-sitwazzjoni tar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali fil-Kawżi C-22/13, C-61/13 u C-62/13, li fil-konfront tagħhom ma japplikax l-imsemmi Artikolu 5(4a), dannu li jagħti dritt għal kumpens.

58 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li t-tieni domanda magħmula fil-Kawża C-63/13 għandha wkoll natura ipotetika.

59 Barra minn hekk, il-Comune di Napoli, il-Gvern Taljan u l-Kummissjoni Ewropea jikkontestaw l-ammissibbiltà tar-raba' domanda fil-Kawżi C-22/13, C-61/13 u C-62/13 kif ukoll tat-tielet domanda fil-Kawża C-63/13, peress li, essenzjalment, ir-risposta għal dawn id-domandi ma għandha ebda rilevanza għall-kawżi prinċipali.

60 Għandu jiġi osservat li dawn id-domandi, li huma fformulati b'mod identiku, huma bbażati, hekk kif ġie kkonstatat fil-punt 32 ta' din is-sentenza, fuq il-premessa li tgħid li l-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali mogħtija mill-Gvern Taljan fil-kawża li tat lok għad-digriet Affatato (EU:C:2010:574, punt 48), li jistabbilixxi li l-Artikolu 5(4a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 368/2001 huwa applikabbli għas-settur pubbliku, hija żbaljata u, għaldaqstant, tikkostitwixxi ksur mill-Istat Membru kkonċernat tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali.

61 Din l-interpretazzjoni, hekk kif tirriżulta mill-punti 14 u 15 ta' din is-sentenza, tikkorrispondi madankollu f'kull aspett mal-interpretazzjoni mogħtija f'dan il-każ mit-Tribunale di Napoli, u li fid-dawl tagħha, skont ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha teżamina dawn it-talbiet għal deċiżjoni preliminari (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Pontin, C-63/08, EU:C:2009:666, punt 38). Din il-qorti tindika fil-fatt b'mod espliċitu fid-deċiżjonijiet ta' rinviju tagħha li, skontha, il-leġiżlatur nazzjonali ma kellux l-intenzjoni li jeskludi l-applikazzjoni tal-imsemmi Artikolu 5(4a) għas-settur pubbliku.

62 Barra minn hekk, hekk kif jirriżulta mill-punt 28 ta' din is-sentenza, il-qorti tar-rinviju tqis hija stess, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni esklużiva tagħha, li l-Artikolu 5(4a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 368/2001, għalkemm japplika għas-settur pubbliku, ma japplikax għall-iskejjel amministrati mill-Istat, b'tali mod li din id-dispożizzjoni hija irrilevanti fil-konfront tal-eżitu tal-kawżi prinċipali fil-Kawżi C-22/13, C-61/13 u C-62/13.

63 Minn dan jirriżulta li r-raba' domanda fil-Kawżi C-22/13, C-61/13 u C-62/13 kif ukoll it-tielet domanda fil-Kawża C-63/13 huma ipotetiċi.

64 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li t-talba għal deċiżjoni preliminari fl-intier tagħha fil-Kawża C-63/13 kif ukoll ir-raba' domanda fil-Kawżi C-22/13, C-61/13 u C-62/13 huma, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 50 ta' din is-sentenza, inammissibbli.

*Fuq il-mertu*

65 Permezz tal-ewwel domanda fil-Kawżi C-22/13, C-61/13 u C-62/13 kif ukoll permezz taż-żewġ domandi fil-Kawża C-418/13, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qrati tar-rinviju jistaqsu, essenzjalment, dwar jekk il-Klawżola 5(1) tal-ftehim qafas għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, li tawtorizza, fl-istennija tat-tmiem tal-proċeduri ta' kompetizzjoni għar-reklutaġġ ta' għalliema permanenti ta' skejjel amministrati mill-Istat, it-tiġdid ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat sabiex jimtlew pożizzjonijiet vakanti u disponibbli ta' għalliema kif ukoll ta' persunal amministrattiv, tekniku u awżiljarju, mingħajr ma tindika termini preċiżi għat-tmiem ta' dawn il-kompetizzjonijiet u billi teskludi kull possibbiltà, għal dawn l-għalliema u għall-imsemmi persunal, li jiksbu kumpens għad-dannu eventwalment imġarrab minħabba tali tiġdid.

Fuq il-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim qafas

66 Il-Gvern Grieg isostni li ma huwiex xieraq li s-settur tat-tagħlim ikun suġġett għal-dispożizzjonijiet tal-ftehim qafas dwar l-użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat. Dan is-settur huwa kkaratterizzat fil-fatt mill-eżistenza ta' "ħtiġiet [...] speċifiċi" fis-sens tal-Klawżola 5(1) ta' dan il-ftehim qafas, peress li t-tagħlim huwa intiż li jiggarantixxi l-osservanza tad-dritt għall-edukazzjoni u huwa indispensabbli għall-funzjonament tajjeb tas-sistema edukattiva.

67 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li mill-formulazzjoni stess tal-Klawżola 2(1) tal-ftehim qafas jirriżulta li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu huwa fformulat b'mod wiesgħa, sa fejn ikopri b'mod ġenerali l-"ħaddiema għal terminu fiss [żmien determinat] li għandhom kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit fil-liġi, fil-ftehim kollettiv jew fil-prattika f'kull Stat Membru". Barra minn hekk, id-definizzjoni tal-kunċett ta' "ħaddiema għal terminu fiss [żmien determinat]" skont il-ftehim qafas, mogħtija fil-Klawżola 3(1) tiegħu, tinkludi l-ħaddiema kollha, mingħajr ma tagħmel distinzjoni skont il-kwalità pubblika jew privata tal-persuna li timpjega li magħha huma marbuta u tkun liema tkun il-kwalifika tal-kuntratt tagħhom fid-dritt intern (ara s-sentenza Fiamingo *et*, EU:C:2014:2044, punti 28 u 29 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

68 Il-ftehim qafas japplika għalhekk għall-ħaddiema kollha li jipprovdu servizzi bi ħlas fil-kuntest ta' relazzjoni ta' impjieg għal żmien determinat li torbothom mal-persuna li timpjegahom, sa fejn dawn ikunu marbuta b'kuntratt ta' xogħol fis-sens tad-dritt nazzjonali, u bla ħsara biss għall-marġni ta' diskrezzjoni mogħtija lill-Istati Membri mill-Klawżola 2(2) tal-ftehim qafas fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan tal-aħħar għal ċerti kategoriji ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol kif ukoll tal-esklużjoni, skont ir-raba' paragrafu tal-preambolu tal-ftehim qafas, ta' ħaddiema temporanji (ara s-sentenza Fiamingo *et*, EU:C:2014:2044, punti 30 sa 33 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

69 Minn dan jirriżulta li l-ftehim qafas ma jeskludi ebda settur partikolari mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u li, għaldaqstant, japplika għall-persunal irreklutat fis-settur tat-tagħlim (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Fiamingo *et*, EU:C:2014:2044, punti 38).

70 Din il-konklużjoni hija kkorroborata bil-kontenut tal-Klawżola 5(1) tal-ftehim qafas, li minnu jirriżulta li, skont it-tielet paragrafu tal-preambolu tal-ftehim qafas kif ukoll il-punti 8 u 10 tal-kunsiderazzjonijiet ġenerali tiegħu, huwa fil-kuntest tal-implementazzjoni tal-imsemmi ftehim qafas

li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà, sa fejn dan huwa oġġettivament iġġustifikat, li jieħdu inkunsiderazzjoni l-bżonnijiet partikolari relatati mas-setturi ta' attivitajiet speċifiċi u/jew mal-kategoriji ta' ħaddiema inkwistjoni (sentenza Fiamingo *et*, EU:C:2014:2044, punti 39).

71 Minn dan isegwi li ħaddiema li jinsabu ruħhom fis-sitwazzjoni tar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali, li ġew irreklutati fil-kwalità tagħhom ta' għalliema jew ta' kollaboraturi amministrattivi sabiex isiru sostituzzjonijiet annwali fi skejjel amministrati mill-Istat fil-kuntest ta' kuntratti ta' xogħol fis-sens tad-dritt nazzjonali, u li mingħajr ebda dubju ma jaqgħux taħt ir-relazzjonijiet ta' xogħol li jistgħu jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim qafas, jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim qafas, u, b'mod partikolari, taħt il-Klawżola 5 tiegħu (ara, b'analoġija, is-sentenza Márquez Samohano, C-190/13, EU:C:2014:146, punt 39).

Fuq l-interpretazzjoni tal-Klawżola 5(1) tal-ftehim qafas

72 Għandu jitfakkar li l-Klawżola 5(1) tal-ftehim qafas għandha bħala għan li timplementa waħda mill-għanijiet segwiti minn dan tal-aħħar, jiġifieri li joħloq qafas għall-użu suċċessiv tal-kuntratti jew tar-relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat, ikkunsidrati bħala sors potenzjali ta' abbuż għad-detriment tal-ħaddiema, billi jipprevedi bħala minimu numru ta' dispożizzjonijiet ta' protezzjoni intiżi li tiġi evitata l-inċertezza tas-sitwazzjoni tal-impjegati (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Adeneler *et*, C-212/04, EU:C:2006:443, punt 63; Kücük, C-586/10, EU:C:2012:39, punt 25, kif ukoll Fiamingo *et*, EU:C:2014:2044, punt 54).

73 Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mit-tieni paragrafu tal-preambolu tal-ftehim qafas kif ukoll mill-punti 6 u 8 tal-kunsiderazzjonijiet ġenerali tal-imsemmi ftehim qafas, il-benefiċċju tal-istabbiltà tal-impjieg huwa kkonċepit bħala element maġġuri tal-protezzjoni tal-ħaddiema, filwaqt li huwa biss f'ċerti ċirkustanzi li kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat jistgħu jissodisfaw kemm il-bżonnijiet tal-persuni li jimpjegaw kif ukoll tal-ħaddiema (sentenzi Adeneler *et*, EU:C:2006:443, punt 62, kif ukoll Fiamingo *et*, EU:C:2014:2044, punt 55).

74 Għalhekk, il-Klawżola 5(1) tal-ftehim qafas timponi lill-Istati Membri, bil-għan ta' prevenzjoni tal-użu abbużiv ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat, l-adozzjoni effettiva u vinkolanti ta' mill-inqas waħda mill-miżuri li hija telenka, meta d-dritt intern tagħhom ma jkunx jinkludi miżuri legali ekwivalenti. Il-miżuri hekk elenkati fil-punt 1(a) sa (ċ) tal-imsemmija klawżola, li jammontaw għal tlieta, huma relatati, rispettivament, ma' raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' tali kuntratti jew relazzjonijiet ta' xogħol, it-tul massimu totali ta' dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol u n-numru ta' drabi li dawn jistgħu jiġġeddu (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Kücük, EU:C:2012:39, punt 26, kif ukoll Fiamingo *et*, EU:C:2014:2044, punt 56).

75 L-Istati Membri għandhom f'dan ir-rigward marġni ta' diskrezzjoni, peress li għandhom l-għażla li jirrikorru għal waħda jew iktar mill-miżuri msemmija fil-punt 1(a) sa (ċ) ta' din il-klawżola jew għal miżuri legali eżistenti ekwivalenti, u dan filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-bżonnijiet ta' setturi speċifiċi u/jew ta' kategoriji ta' ħaddiema (ara s-sentenza Fiamingo *et*, EU:C:2014:2044, punt 59 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

76 B'hekk, il-Klawżola 5(1) tal-ftehim qafas tagħti lill-Istati Membri għan ġenerali, li jikkonsisti fil-prevenzjoni ta' tali abbuż, filwaqt li tħallilhom l-għażla tal-mezzi sabiex jilħqu dan l-għan, bil-kundizzjoni li huma ma jikkompromettux l-għan jew l-effettività tal-ftehim qafas (sentenza Fiamingo *et*, EU:C:2014:2044, punt 60).

77 Barra minn hekk, meta, bħal f'dan il-każ, id-dritt tal-Unjoni ma jipprovdix sanzjonijiet speċifiċi fl-ipoteżi fejn madankollu ġew ikkonstatati abbużi, huma l-awtoritajiet nazzjonali li għandhom jadottaw miżuri li għandhom ikunu mhux biss ta' natura proporzjonata, iżda wkoll effettivi u

dissważivi biżżejjed sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja sħiħa tar-regoli adottati bis-saħħa tal-ftehim qafas (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Fiamingo *et*, EU:C:2014:2044, punt 62 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

78 Għalkemm, fl-assenza ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam, il-metodi ta' implementazzjoni ta' tali regoli jirriżultaw mill-ordinament ġuridiku intern tal-Istati Membri abbażi tal-prinċipju tal-awtonomija proċedurali tagħhom, dawn madankollu ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw sitwazzjonijiet simili ta' natura interna (prinċipju ta' ekwivalenza) u lanqas ma għandhom jagħmlu impossibbli fil-prattika jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (prinċipju ta' effettività) (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Fiamingo *et*, EU:C:2014:2044, punt 63 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

79 Għalhekk, meta jkun seħħ użu abbużiv ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessiv ta' xogħol għal żmien determinat, għandha tkun tista' tiġi applikata miżura li tippreżenta garanziji effettivi u ekwivalenti ta' protezzjoni tal-ħaddiema sabiex dan l-abbuż jiġi debitament issanzjonat u jitneħħew il-konsegwenzi tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni (sentenza Fiamingo *et*, EU:C:2014:2044, punt 64 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

80 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat numru ta' drabi, il-ftehim qafas ma jistabbilixxix obbligu ġenerali tal-Istati Membri li jipprevedu l-bidla ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat f'kuntratt għal żmien indeterminat. Fil-fatt, il-Klawżola 5(2) tal-ftehim qafas tħalli bħala prinċipju lill-Istati Membri l-kompitu li jiddeterminaw taħt liema kundizzjonijiet il-kuntratti jew ir-relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat jitqiesu li huma konklużi għal żmien indeterminat. Minn dan jirriżulta li l-ftehim qafas ma jippreskrivix il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex jintużaw kuntratti għal żmien indeterminat (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Fiamingo *et*, EU:C:2014:2044, punt 65 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

81 F'dan il-każ, għal dak li jirrigwarda l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex l-obbligu li tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern, billi dan il-kompitu jaqa' esklużivament fuq il-qorti tar-rinviju jew, jekk ikun il-każ, fuq il-qrati nazzjonali kompetenti, li għandhom jiddeterminaw jekk ir-rekwiżiti mfakkra fil-punti 74 sa 79 ta' din is-sentenza humiex issodisfatti permezz tad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Fiamingo *et*, EU:C:2014:2044, punt 66 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

82 Għaldaqstant, hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina sa fejn il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni kif ukoll għall-implementazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt intern jikkostitwixxu miżura adegwata għall-prevenzjoni u, jekk ikun il-każ, sabiex jiġi ssanzjonat l-użu abbużiv ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat (ara s-sentenza Fiamingo *et*, EU:C:2014:2044, punt 67 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

83 Madankollu, meta l-Qorti tal-Ġustizzja tkun qed tiddeċiedi dwar rinviju għal deċiżjoni preliminari, hija tista', jekk ikun il-każ, tagħmel preċiżazzjonijiet intiżi sabiex tidderiġi lill-qorti nazzjonali fl-evalwazzjoni tagħha (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Fiamingo *et*, EU:C:2014:2044, punt 68 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

– Fuq l-eżistenza ta' miżuri li jipprevjenu l-użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat

84 Għal dak li jirrigwarda l-eżistenza ta' miżuri li jipprevjenu l-użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat fis-sens tal-Klawżola 5(1) tal-ftehim qafas, huma minnu li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawżi prinċipali tippermetti li jiġu rreklutati għalliema fil-kuntest ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat sabiex isiru sostituzzjonijiet, mingħajr ma tistabbilixxi ebda

limitu għal dak li jirrigwarda t-tul massimu totali ta' dawn il-kuntratti jew in-numru ta' drabi li dawn jistgħu jiġġeddu, fis-sens tal-punt 1(b) u (c) tal-imsemmija klawżola. B'mod partikolari, it-Tribunale di Napoli jindika f'dan ir-rigward, hekk kif jirriżulta mill-punt 28 ta' din is-sentenza, li l-Artikolu 10(4a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 368/2001 jeskludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 5(4a) tal-imsemmi digriet għall-iskejjel amministrati mill-Istat, liema artikolu jipprevedi li l-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat li jeċċedi 36 xahar għandhom jinbidlu f'kuntratti ta' xogħol għal żmien indeterminat, u b'hekk jippermetti numru illimitat ta' drabi li tali kuntratti jistgħu jiġġeddu. Lanqas ma huwa kkontestat li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma tinkludi ebda miżura ekwivalenti għal dawk previsti fil-Klawżola 5(1) tal-ftehim qafas.

85 F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa neċessarju li t-tiġdid ta' tali kuntratti ta' xogħol ikun iġġustifikat minn "raġuni oġġettiva" fis-sens tal-Klawżola 5(1)(a) tal-ftehim qafas.

86 Hekk kif jissemma fil-punt 7 tal-kunsiderazzjonijiet ġenerali tiegħu, u kif jirriżulta mill-punt 74 ta' din is-sentenza, il-partijiet firmatarji tal-ftehim qafas qiesu fil-fatt li l-użu ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat ibbażat fuq raġunijiet oġġettivi huwa mezz ta' prevenzjoni ta' abbuż (ara s-sentenzi Adeneler *et*, EU:C:2006:443, punt 67, kif ukoll Fiamingo *et*, EU:C:2014:2044, punt 58).

87 Għal dak li jirrigwarda l-kunċett ta' "raġunijiet oġġettivi" fis-sens tal-Klawżola 5(1)(a) tal-ftehim qafas, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li dan il-kunċett għandu jinftiehem bħala li jkopri ċirkustanzi preċiżi u konkreti li jikkaratterizzaw attività speċifika u, b'hekk, ta' natura li f'dan il-kuntest partikolari tiġġustifika l-użu ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat. Dawn iċ-ċirkustanzi jistgħu jirriżultaw, b'mod partikolari, min-natura partikolari tal-kompiti li għat-twettiq tagħhom tali kuntratti ġew konklużi u mill-karatteristiċi intrinsiċi għalihom jew, jekk ikun il-każ, mit-tfittxija ta' għan leġittimu ta' politika soċjali ta' Stat Membru (sentenza Kücük, EU:C:2012:39, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

88 Min-naħa l-oħra, dispożizzjoni nazzjonali li tillimita ruħha li tawtorizza, b'mod ġenerali u astratt permezz ta' norma leġiżlattiva jew regolamentari, l-użu ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat, ma tkunx konformi mar-rekwiżiti kif ippreċiżati fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza. Fil-fatt, tali dispożizzjoni, ta' natura purament formali, ma tippermettix li jiġu identifikati kriterji oġġettivi u trasparenti sabiex jiġi vverifikat jekk it-tiġdid ta' tali kuntratti jissodisfax effettivament bżonn veru, jekk huwiex ta' natura li jilħaq l-għan imfittex u jekk huwiex neċessarju għal dan l-iskop. Tali dispożizzjoni tinvolvi għalhekk riskju reali li jsir użu abbużiv minn dan it-tip ta' kuntratti u b'hekk ma hijiex kompatibbli mal-għan u mal-effettività tal-ftehim qafas (sentenza Kücük, EU:C:2012:39, punti 28 u 29 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

89 F'dan il-każ, għandu jiġi osservat qabelxejn li mid-deċiżjonijiet ta' rinviju u mill-ispjegazzjonijiet mogħtija waqt is-seduta jirriżulta li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, kif prevista mil-Liġi Nru 124/1999, ir-reklutaġġ ta' persunal fl-iskejjel amministrati mill-Istat jsir jew għal żmien indeterminat permezz ta' ħatra fuq bażi permanenti jew għal żmien determinat fil-kuntest ta' sostituzzjonijiet. Il-ħatra fuq bażi permanenti ssir skont is-sistema magħrufa bħala "taż-żewġ kanali", jiġifieri, għal nofs il-pożizzjonijiet vakanti għal kull sena skolastika, permezz ta' kompetizzjoni abbażi ta' kwalifiki u ta' eżamijiet u, għan-nofs l-ieħor, billi jintużaw il-listi permanenti ta' kandidati xierqa li fuqhom jkun hemm imniżżla l-għalliema li jkunu għaddew minn tali kompetizzjoni, mingħajr madankollu ma rnexxielhom jiksbu pożizzjoni permanenti, u dawk li jkunu segwew korsijiet sabiex jingħataw liċenzja tat-tagħlim offruti minn skejjel speċjalizzati fit-tagħlim. Sostituzzjonijiet isiru billi jsir riferiment għal dawn l-istess listi, fejn sensiela ta' sostituzzjonijiet mill-istess għalliem twassal sabiex huwa jitla' fil-lista u tista' twassal sabiex jinħatar fuq bażi permanenti.

90 Mill-istess deċiżjonijiet ta' rinviju jirriżulta li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, kif tirriżulta mill-Artikolu 4 tal-Liġi Nru 124/1999, moqri flimkien mal-Artikolu 1 tad-Digriet Nru 131/2007, tipprevedi tliet tipi ta' sostituzzjonijiet: l-ewwel nett, is-sostituzzjonijiet annwali fuq it-tabella tal-persunal "*de jure*", fl-istennija tat-tmiem tal-proċeduri ta' kompetizzjoni għar-reklutaġġ ta' persunal

permanenti, għal pożizzjonijiet vakanti u disponibbli, jiġifieri mingħajr ħatra fuq bażi permanenti, li t-tmiem tagħhom jikkorrispondi għal dak tas-sena skolastika, jiġifieri l-31 ta' Awwissu; it-tieni nett, is-sostituzzjonijiet temporanji fuq it-tabella tal-persunal "*de facto*", għal pożizzjonijiet mhux vakanti iżda xorta waħda disponibbli, li t-tmiem tagħhom jikkorrispondi għal dak tal-attivitajiet pedagoġiċi, jiġifieri t-30 ta' Ġunju, u, it-tielet nett, is-sostituzzjonijiet temporanji jew għal żmien qasir fis-sitwazzjonijiet l-oħra, li jintemmu ladarba ma jibqgħux jeżistu ċ-ċirkustanzi li jkunu ħolqu l-bżonn għalihom.

91 Għandu jiġi enfasizzat li leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti t-tiġdid ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat għas-sostituzzjoni, minn naħa, tal-persunal tal-iskejjel amministrati mill-Istat fl-istennija tat-tmiem tal-proċeduri ta' kompetizzjoni għar-reklutaġġ ta' persunal permanenti kif ukoll, min-naħa l-oħra, tal-persunal ta' dawn l-iskejjel li jkun jinsab momentarjament f'sitwazzjoni fejn ikun impossibbli għalih li jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu ma tmurx kontra *per se* l-ftehim qafas. Fil-fatt, is-sostituzzjoni temporanja ta' ħaddiem sabiex jiġu ssodisfatti, essenzjalment, il-bżonnijiet provviżorji tal-persuna li timpjega f'termini ta' persunal tista', bħala prinċipju, tikkostitiwixxi "raġuni oġġettiva" fis-sens tal-Klawżola 5(1)(a) ta' dan il-ftehim qafas (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Angelidaki *et*, C-378/07 sa C-380/07, EU:C:2009:250, punti 101 u 102, kif ukoll Kücük, EU:C:2012:39, punt 30).

92 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar qabelxejn li, f'amministrazzjoni li jkollha persunal sostanzjali, bħas-settur tat-tagħlim, huwa inevitabbli li ta' spiss ikunu neċessarji sostituzzjonijiet temporanji minħabba, b'mod partikolari, l-indisponibbiltà ta' membri tal-persunal li jkunu ħarġu bil-leave tal-mard, leave tal-maternità, leave tal-ġenituri jew oħrajn. Is-sostituzzjoni temporanja ta' ħaddiema f'dawn iċ-ċirkustanzi tista' tikkostitwixxi raġuni oġġettiva fis-sens tal-Klawżola 5(1)(a) tal-ftehim qafas, li tiġġustifika kemm iż-żmien determinat tal-kuntratti konklużi mas-supplenti kif ukoll it-tiġdid ta' dawn il-kuntratti skont il-bżonn, bil-kundizzjoni li jiġu osservati r-rekwiżiti stabbiliti fil-ftehim qafas f'dan ir-rigward (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Kücük, EU:C:2012:39, punt 31).

93 Din il-konklużjoni tgħodd iktar u iktar meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali li tiġġustifika t-tiġdid ta' kuntratti għal żmien determinat fil-każ ta' sostituzzjoni temporanja jkollha wkoll għanijiet ta' politika soċjali li huma leġittimi. Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-punt 87 ta' din is-sentenza, il-kunċett ta' "raġuni oġġettiva" li jidher fil-Klawżola 5(1)(a) tal-ftehim qafas jinkludi tali għanijiet. Issa, miżuri intiżi, b'mod partikolari, li jipproteġu t-tqala u l-maternità kif ukoll sabiex jippermettu lill-irġiel u lin-nisa sabiex jirrikonċiljaw l-obbligi tagħhom ta' xogħol u ta' familja għandhom għanijiet leġittimi ta' politika soċjali (ara s-sentenza Kücük, EU:C:2012:39, punti 32 u 33 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

94 Sussegwentement, għandu jiġi osservat li, hekk kif jirriżulta, b'mod partikolari, mid-deċiżjoni ta' rinviju fil-Kawża C-418/13, it-tagħlim jikkorrispondi għal dritt fundamentali ggarantit mill-Kostituzzjoni tar-Repubblika Taljana li timponi fuq l-Istat l-obbligu li jorganizza s-servizz skolastiku b'mod li jiżgura adegwatezza kostanti bejn in-numru ta' għalliema u n-numru ta' studenti. Issa, ma jistax jiġi kkontestat li din l-adegwatezza tiddependi fuq numru kbir ta' fatturi, li xi uħud minnhom jistgħu, sa ċertu punt, ikunu diffiċilment kontrollabbli jew prevedibbli, bħal, pereżempju, il-flussi migratorji esterni u interni jew l-għażla ta' suġġetti mill-istudenti.

95 Għandu jiġi rrikonoxxut li tali fatturi juru, fis-settur tat-tagħlim inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, bżonn partikolari ta' flessibbiltà li, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 70 ta' din is-sentenza, huwa ta' natura, f'dan is-settur speċifiku, li jiġġustifika oġġettivament, fid-dawl tal-Klawżola 5(1)(a) tal-ftehim qafas, l-użu ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien indeterminat sabiex tiġi ssodisfatta b'mod xieraq id-domanda fl-iskejjel u sabiex jiġi evitat li l-Istat jiġi espost, bħala persuna li timpjega f'dan is-settur, għar-riskju li jkollu jaħtar fuq bażi permanenti numru ta' għalliema sinjifikattivament ogħla minn dak li huwa effettivament neċessarju sabiex jaqdi l-obbligi tiegħu f'dan il-qasam.

96 Fl-aħħar nett, għandu jiġi kkonstatat li, meta Stat Membru jirriżerva, fl-iskejjel li huwa jamministra, l-aċċess għall-impjiegi permanenti lill-persunal li jkun għadda minn kompetizzjoni, permezz ta' ħatra fuq bażi permanenti, huwa jista' jkun ukoll iġġustifikat oggettivament, fid-dawl ta' din id-dispożizzjoni, li, fl-istennija tat-tmiem ta' dawn il-kompetizzjonijiet, il-pożizzjonijiet li għandhom jimtlew ikunu koperti minn kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat.

97 Ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali jsostnu madankollu li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, kif tirriżulta mill-Artikolu 4(1) tal-Liġi Nru 124/1999, li tippermetti preċiżament it-tiġdid ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat sabiex jimtlew, permezz ta' sostituzzjonijiet annwali, pożizzjonijiet vakanti u disponibbli "fl-istennija tat-tmiem tal-proċeduri ta' kompetizzjoni għar-reklutaġġ ta' għalliema permanenti", twassal, fil-prattika, għal użu abbużiv tal-kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat, peress li ma teżisti l-ebda ċertezza għal dak li jirrigwarda d-data meta dawn il-proċeduri ta' kompetizzjoni għandhom jiġu organizzati. It-tiġdid ta' tali kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat jippermetti għalhekk li jiġu ssodisfatti bżonnijiet permanenti u li jdumu fiż-żmien fl-iskejjel amministrati mill-Istat li jirriżultaw minn nuqqas strutturali ta' persunal permanenti.

98 Min-naħa tiegħu, il-Gvern Taljan isostni li s-sistema taż-żewġ kanali, kif deskritta fil-punt 89 ta' din is-sentenza, tippermetti li l-persunal għal żmien determinat jinħatar fuq bażi permanenti, peress li dan jista' mhux biss jipparteċipa f'kompetizzjonijiet pubbliċi, iżda wkoll, billi jitla' fil-listi ta' kandidati xierqa minħabba sensiela ta' sostituzzjonijiet, ikollu numru suffiċjenti ta' attivitajiet għal żmien determinat sabiex jinħatar fuq bażi permanenti. Issa, dawn il-listi għandhom jiġu "eżawriti", fis-sens li, meta ċertu numru ta' għalliema jkunu mniżżla fihom, ma jistgħux jiżdiedu iktar kandidati. L-imsemmija listi jikkostitwixxu għalhekk strument intiż sabiex tiġi miġġielda l-inċertezza fl-impjieg. Indipendentement minn kull sitwazzjoni partikolari ta' fatt, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni għandha għelhekk titqies bħala konformi mal-Klawżola 5(1)(a) tal-ftehim qafas.

99 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, għalkemm leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti t-tiġdid ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat sabiex jiġi ssostitwit persunal fl-istennija tat-tmiem tal-proċeduri ta' kompetizzjoni tista' tkun iġġustifikata minn raġuni oġġettiva, l-applikazzjoni konkreta ta' din ir-raġuni għandha, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tal-attività kkonċernata u tal-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tagħha, tkun konformi mar-rekwiżiti tal-ftehim qafas. Fl-applikazzjoni tad-dispożizzjoni kkonċernata tad-dritt nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom għalhekk ikunu f'pożizzjoni li jistabbilixxu kriterji oġġettivi u trasparenti sabiex jivverifikaw jekk it-tiġdid ta' tali kuntratti jissodisfax effettivament bżonn ġenwin, huwiex ta' natura li jilħaq l-għan imfittex u huwiex neċessarju għal dan l-iskop (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Kücük, EU:C:2012:39, punt 34 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

100 Issa, hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f'diversi okkażjonijiet, it-tiġdid ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat sabiex jiġu koperti bżonnijiet li huma, fil-fatt, ta' natura mhux provviżorja, iżda, għal kuntrarju, permanenti u li jdumu fiż-żmien ma huwiex iġġustifikat fis-sens tal-Klawżola 5(1)(a) tal-ftehim qafas. Fil-fatt, tali użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat imur direttament kontra l-premessa li fuqha huwa bbażat dan il-ftehim qafas, jiġifieri li l-kuntratti ta' xogħol għal żmien indeterminat jikkostitwixxu l-forma ġenerali tar-relazzjonijiet ta' xogħol, filwaqt li l-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat huma karatteristika tal-impjieg f'ċerti setturi jew għal ċerti xogħlijiet u attivitajiet (sentenza Kücük, EU:C:2012:39, punti 36 u 37 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

101 L-osservanza tal-Klawżola 5(1)(a) tal-ftehim qafas tirrikjedi għalhekk li jkun jista' jiġi vverifikat konkretament li t-tiġdid ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat huwa intiż li jkopri bżonnijiet provviżorji u li dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 4(1) tal-Liġi Nru 124/1999, moqri flimkien mal-Artikolu 1 tad-Digriet Nru 131/2007, ma tiġix użata, fil-fatt, sabiex jiġu ssodisfatti l-bżonnijiet permanenti u li jdumu fiż-żmien tal-persuna li timpjega fil-qasam tal-persunal (sentenza Kücük, EU:C:2012:39, punt 39 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

102 Għal dan il-għan għandhom jiġu eżaminati, f'kull każ, iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, billi jieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, in-numru tal-imsemmija kuntratti suċċessivi konklużi mal-istess persuna jew għall-finijiet tat-twettiq tal-istess xogħol, sabiex jiġi evitat li kuntratti jew relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat, anki jekk konklużi apparentement sabiex ikopru bżonn ta' supplenti, jintużaw b'mod abbużiv mill-persuna li timpjega (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Kücük, EU:C:2012:39, punt 40 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

103 L-eżistenza ta' "raġuni oġġettiva" fis-sens tal-Klawżola 5(1)(a) tal-ftehim qafas teskludi għalhekk, bħala prinċipju, l-eżistenza ta' abbuż, ħlief meta minn eżami globali taċ-ċirkustanzi tat-tiġdid tal-kuntratti jew tar-relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat ikkonċernati jirriżulta li s-servizzi mitluba mill-ħaddiem ma jkunux jikkorrispondu għal sempliċi bżonn temporanju (sentenza Kücük, EU:C:2012:39, punt 51).

104 Konsegwentement, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Taljan, il-fatt biss li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' tkun iġġustifikata minn "raġuni oġġettiva" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni ma huwiex suffiċjenti sabiex irendi tali leġiżlazzjoni konformi magħha, jekk jirriżulta li l-applikazzjoni konkreta ta' din il-leġiżlazzjoni twassal, fil-prattika, għal użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi ta' zogħol għal żmien determinat.

105 Issa, f'dan ir-rigward, għalkemm, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 81 u 82 ta' din is-sentenza, kull evalwazzjoni tal-fatti taqa', fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 267 TFUE, taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali, għandu jiġi kkonstatat li mill-informazzjoni mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja f'dawn il-kawżi jirriżulta li, kif jammetti barra minn hekk il-Gvern Taljan stess, it-terminu sabiex l-għalliema jinħatru fuq bażi permanenti fil-kuntest ta' din is-sistema huwa kemm varjabbli kif ukoll inċert.

106 Fil-fatt, minn naħa, huwa minnu, hekk kif jirriżulta mil-formulazzjoni stess tal-ewwel domanda fil-Kawża C-418/13, li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawżi prinċipali ma tistabbilixxi ebda terminu preċiż għal dak li jirrigwarda l-organizzazzjoni ta' proċeduri ta' kompetizzjoni, li tiddependi fuq il-kapaċità finanzjarja tal-Istat u mis-setgħa diskrezzjonali tal-amministrazzjoni. Għaldaqstant, skont il-konstatazzjonijiet magħmula mill-Corte costituzionale stess fid-deċiżjoni tar-rinviju f'din l-istess kawża, ebda proċedura ta' kompetizzjoni ma ġiet organizzata bejn is-sena 2000 u s-sena 2011.

107 Min-naħa l-oħra, mill-ispjegazzjonijiet tal-Gvern Taljan jirriżulta li billi l-ħatra fuq bażi permanenti abbażi tal-fatt li l-għalliema jitilgħu fil-lista ta' kandidati xierqa tiddependi fuq it-tul totali tal-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat kif ukoll fuq il-pożizzjonijiet li sadanittant ikunu saru vakanti, din tiddependi, kif il-Kummissjoni sostniet b'mod korrett, fuq ċirkustanzi inċerti u imprevedibbli.

108 Minn dan jirriżulta li leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, għalkemm tillimita l-użu tal-kuntratti ta' xogħol għal żmien iddeterminat, sabiex jitwettqu sostituzzjonijiet annwali għal pożizzjonijiet vakanti u disponibbli fl-iskejjel amministrati mill-Istat għal perijodu temporanju biss li jispiċċa meta jintemmu l-proċeduri ta' kompetizzjoni, ma tippermettix li jiġi żgurat li l-applikazzjoni konkreta ta' din ir-raġuni oġġettiva, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tal-attività kkonċernata u tal-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tagħha, tkun konformi mar-rekwiżiti tal-ftehim qafas.

109 Fil-fatt, tali leġiżlazzjoni, fl-assenza ta' data preċiża għall-organizzazzjoni u għat-tmiem tal-proċeduri ta' kompetizzjoni li jwaqqfu is-sostituzzjoni u, għalhekk, ta' limitu reali għan-numru ta' sostituzzjonijiet annwali mwettqa mill-istess ħaddiem sabiex jimla l-istess pożizzjoni vakanti, hija ta' natura li tippermetti, bi ksur tal-Klawżola 5(1)(a) tal-ftehim qafas, it-tiġdid ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat sabiex jiġu koperti bżonnijiet li huma, fil-fatt, ta' natura mhux provviżorja iżda, għal kuntrarju, permanenti u li jdumu fiż-żmien, minħabba d-defiċit strutturali ta' pożizzjonijiet ta' persunal permanenti fl-Istat Membru kkonċernat. Tali konstatazzjoni tidher li hija kkorroborata mhux biss mis-sitwazzjoni tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, kif deskritta fil-punti 23 u 37 ta' din is-sentenza,

iżda wkoll, b'mod iktar ġenerali, mill-informazzjoni mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' dawn il-kawżi. Għaldaqstant, jidher li, skont is-sena u s-sors, madwar 30 %, jew anki, skont it-Tribunale di Napoli, 61 %, tal-persunal amministrattiv, tekniku u awżiljarju tal-iskejjel amministrati mill-Istat huwa impjegat taħt kuntratti ta' xogħol għal żmien definit u li, bejn is-sena 2006 u s-sena 2011, l-għalliema ta' dawn l-iskejjel marbuta b'tali kuntratti kienu jirrappreżentaw bejn 13 % u 18 % tal-għalliema kollha ta' dawn l-iskejjel.

110 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, għalkemm il-kunsiderazzjonijiet ta' natura baġitarja jistgħu jkunu r-raġuni għalfejn Stat Membru jagħżel politika soċjali partikolari u jistgħu jinfluwenzaw in-natura jew il-portata ta' miżuri li huwa jkun jixtieq jadotta, madankollu huma ma jikkostitwixxux fihom innifishom għan imfittex minn din il-politika u, għaldaqstant, ma jistgħux jiġġustifikaw l-assenza ta' kull miżura li tipprevjeni l-użu abbużiv tal-kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat fis-sens tal-Klawżola 5(1) tal-ftehim qafas (ara, b'analoġija, is-sentenza Thiele Meneses, C-220/12, EU:C:2013:683, punt 43 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

111 F'kull każ, għandu jiġi osservat li, hekk kif jirriżulta mill-punt 89 ta' din is-sentenza, leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawżi prinċipali ma tirriżervax l-aċċess għall-impjiegi permanenti fl-iskejjel amministrati mill-Istat lill-persunal li jkun għadda minn kompetizzjoni, peress li hija tippermetti wkoll, fil-kuntest tas-sistema taż-żewġ kanali, li għalliema li jkunu segwew biss korsijiet sabiex jingħataw liċenzja tat-tagħlim jinħatru fuq bażi permanenti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hekk kif il-Kummissjoni osservat matul is-seduta, bl-ebda mod ma huwa evidenti, liema fatt għandu jiġi mistħarreġ mill-qrati tar-rinviju, li jista' jitqies bħala ġġustifikat, fid-dawl tal-Klawżola 5(1)(a) tal-ftehim qafas, li jintużaw, f'dan il-każ, kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat sabiex jimtlew pożizzjonijiet vakanti u disponibbli fl-imsemmija skejjel fl-istennija tat-tmiem tal-proċeduri ta' kompetizzjoni.

112 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat, kif għamlet il-Kummissjoni, li, għall-finijiet tal-implementazzjoni tal-Klawżola 5(1)tal-ftehim qafas, Stat Membru jista' leġittimament jagħżel li ma jadottax il-miżura prevista fil-punt 1(a) tal-imsemmija klawżola. Għal kuntrarju, huwa jista' jippreferi jadotta waħda mill-miżuri jew iż-żewġ miżuri previsti fil-punt 1(b) u (ċ) tal-imsemmija klawżola, li jirrigwardaw, rispettivament, it-tul massimu totali ta' dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol u n-numru ta' drabi li dawn jistgħu jiġġeddu, u dan sa fejn, tkun xi tkun il-miżura magħżula, tiġi żgurata l-prevenzjoni effettiva tal-użu abbużiv ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Fiamingo *et*, EU:C:2014:2044, punt 61).

113 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li mill-informazzjoni mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' dawn il-kawżi jirriżulta li leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, ma tidhirx li tinkludi, bla ħsara għall-verifiki li għandhom jitwettqu mill-qrati tar-rinviju, miżura li tipprevjeni l-użu abbużiv tal-kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat fis-sens tal-Klawżola 5(1) tal-ftehim qafas, kuntrarjament għar-rekwiżiti mfakkra fil-punti 74 u 76 ta' din is-sentenza.

– Fuq l-eżistenza ta' miżuri li jissanzjonaw l-użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat

114 Għal dak li jirrigwarda l-eżistenza ta' miżuri intiżi li jissanzjonaw l-użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat, għandu jiġi osservat, qabelxejn, li mid-deċiżjonijiet tar-rinviju jirriżulta li, hekk kif tindika espliċitament il-Corte costituzionale fit-tieni domanda preliminari tagħha fil-Kawża C-418/13, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawżi prinċipali teskludi kull dritt għal kumpens għad-dannu mġarrab minħabba l-użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat fis-settur tat-tagħlim. B'mod partikolari, huwa minnu li s-sistema prevista fl-Artikolu 36(5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 165/2001 fil-każ ta' użu abbużiv ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat fis-settur pubbliku ma tistax tagħti tali dritt fil-kawżi prinċipali.

115 Barra minn hekk, hekk kif jirriżulta mill-punti 28 sa 84 ta' din is-sentenza, ma huwiex qed jiġi kkontestat li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawżi prinċipali lanqas ma tippermetti l-bidla ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat f'kuntratt jew relazzjoni ta' xogħol għal żmien indeterminat, billi l-applikazzjoni tal-Artikolu 5(4a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 368/2001 hija eskluża għall-iskejjel amministrati mill-Istat.

116 Minn dan isegwi li, hekk kif jiirriżulta mid-deċiżjonijiet ta' rinviju u mill-osservazzjonijiet tal-Gvern Taljan, l-unika possibbiltà għal ħaddiem, li jkun ħadem ta' supplent skont l-Artikolu 4 tal-Liġi Nru 124/1999 fi skola amministrata mill-Istat, li jikseb il-bidla ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat f'kuntratt jew relazzjoni ta' xogħol għal żmien indeterminat tinsab fil-ħatra tiegħu fuq bażi permanenti minħabba li jkun tela' fil-lista ta' kandidati xierqa.

117 Madankollu, billi tali possibbiltà, hekk kif jirriżulta mill-punti 105 sa 107 ta' din is-sentenza, hija inċerta, ma tistax titqies bħala sanzjoni li għandha natura suffiċjentement effettiva u dissważiva sabiex tiggarantixxi l-effettività sħiħa tal-miżuri adottati skont il-ftehim qafas.

118 Għalkemm huwa minnu li Stat Membru għandu d-dritt, meta jiġi biex jimplementa l-Klawżola 5(1) tal-ftehim qafas, li jieħu inkunsiderazzjoni l-bżonnijiet ta' settur speċifiku bħal dak tat-tagħlim, kif diġà ssemma fil-punti 70 u 95 ta' din is-sentenza, dan id-dritt ma jistax jinftiehem b'mod li jippermettih ma josservax l-obbligu li jipprevedi miżura xierqa sabiex jissanzjona debitament l-użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat.

119 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li mill-informazzjoni mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' dawn il-kawżi jirriżulta li leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, ma tidhirx, bla ħsara għall-verifiki li għandhom jitwettqu mill-qrati tar-rinviju, li hija konformi mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 77 sa 80 ta' din is-sentenza.

120 Konsegwentement, ir-risposta li għandha tingħata lill-qrati tar-rinviju hija li l-Klawżola 5(1) tal-ftehim qafas għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, li tawtorizza, fl-istennija tat-tmiem tal-proċeduri ta' kompetizzjoni għar-reklutaġġ ta' għalliema permanenti ta' skejjel amministrati mill-Istat, it-tiġdid ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat sabiex jimtlew pożizzjonijiet vakanti u disponibbli ta' għalliema kif ukoll ta' persunal amministrattiv, tekniku u awżiljarju, mingħajr ma tindika termini preċiżi għat-tmiem ta' dawn il-kompetizzjonijiet u billi teskludi kull possibbiltà, għal dawn l-għalliema u għall-imsemmi persunal, li jiksbu kumpens għad-dannu eventwalment imġarrab minħabba tali tiġdid. Fil-fatt, jidher li din il-leġiżlazzjoni, bla ħsara għall-verifiki li għandhom jitwettqu mill-qrati tar-rinviju, minn naħa, ma tippermettix li jiġu identifikati kriterji oġġettivi u trasparenti sabiex jiġi vverifikat jekk it-tiġdid tal-imsemmija kuntratti jissodisfax effettivament bżonn veru, jekk huwiex ta' natura li jilħaq l-għan imfittex u jekk huwiex neċessarju għal dan l-iskop, u, min-naħa l-oħra, ma tinkludi ebda miżura intiża li tipprevjeni jew li tissanzjona l-użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat.

121 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx lok li tingħata risposta għad-domandi l-oħra magħmula mit-Tribunale di Napoli fil-Kawżi C-22/13, C-61/13 u C-62/13.

**Fuq l-ispejjeż**

122 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawżi prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**Il-Klawżola 5(1) tal-ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [żmien determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, li tawtorizza, fl-istennija tat-tmiem tal-proċeduri ta' kompetizzjoni għar-reklutaġġ ta' għalliema permanenti ta' skejjel amministrati mill-Istat, it-tiġdid ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat sabiex jimtlew pożizzjonijiet vakanti u disponibbli ta' għalliema kif ukoll ta' persunal amministrattiv, tekniku u awżiljarju, mingħajr ma tindika termini preċiżi għat-tmiem ta' dawn il-kompetizzjonijiet u billi teskludi kull possibbiltà, għal dawn l-għalliema u għall-imsemmi persunal, li jiksbu kumpens għad-dannu eventwalment imġarrab minħabba tali tiġdid. Fil-fatt, jidher li din il-leġiżlazzjoni, bla ħsara għall-verifiki li għandhom jitwettqu mill-qrati tar-rinviju, minn naħa, ma tippermettix li jiġu identifikati kriterji oġġettivi u trasparenti sabiex jiġi vverifikat jekk it-tiġdid tal-imsemmija kuntratti jissodisfax effettivament bżonn veru, jekk huwiex ta' natura li jilħaq l-għan imfittex u jekk huwiex neċessarju għal dan l-iskop, u, min-naħa l-oħra, ma tinkludi ebda miżura intiża li tipprevjeni jew li tissanzjona l-użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat.**

Firem